MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 984/2006/1

**Cutrico Services Limited**

**vs**

**Darwin International Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Marzu, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta` Novembru, 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u sebgha u ghoxrin lira, tmienja u erbghin centezmu (Lm627.48) rapprezentanti prezz ta` xogholijiet u ta` parts esekwiti mis-socjeta` attrici fuq air

conditioners provduti lis-socjeta` konvenuta kif jirrizulta minn dokumenti esebiti u mmarkati Dok A sa Dok F.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta datata 23 ta` Novembru, 2006 fejn giet eccepita in linea preliminari l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2148 Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta. Fit-tieni lok il-kontestazzjoni kienet fis-sens li x-xoghol ma sarx sew skond kif titlob is-sengha u l-arti. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet fuq l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ghal liema skop thalliet l-istess kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidra.

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija msejsa fuq l-artikolu 2148 (a) Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta skond ma` kif gie aktar puntwalizzat fit-trattazzjoni tas-socjeta` konvenuta. Dan l-artikolu jistipula preskrizzjoni bid-dekors ta` 18 il xahar ghal azzjonijiet maghmula minn persuni li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghal prezz ta` l-opri jew tax-xogholijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu.

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-imsemmija xogholijiet u materjal in kwistjoni jirrisalu ghal perjodu bejn Mejju u Lulju tas-sena 2003 filwaqt li l-kawza odjerna giet intavolata fl-1 ta` Novembru, 2006. Illi in vista ta` dan ghalhekk jidher li ghaddew ferm aktar mit-18 il xahar mid-data rilevanti sad-data tal-ewwel att gudizzjarju.

> Jinghad ukoll li ghalkemm gew skambjati diversi ittri legali bejn il-partijiet ebda wahda minnhom ma` hi att gudizzjarju li tista` isservi bhala nterruzzjoni ghal perjodu preskrittiv jew b'xi mod il-kontenut taghha jista` jigi meqjus bhala xi forma ta` ammissjoni. Illi inoltre ma jirrizulta minn imkien mill-atti processwali li kien hemm xi tkissir tad-dekors tal-perjodu preskrittiv fuq xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi msemmija fl-artikoli 2127 sa 2136 Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.
>
> In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta jiddikjara li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta, kwindi jichad it-talbiet attrici pero` fic-cirkostanzi qed jigi ritenut gust u ekwu li l-ispejjes ta` din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**"**

Bl-appell taghha minn din is-sentenza s-socjeta` attrici tikkuntrasta lit-Tribunal bis-sottomissjoni illi dan naqas milli jikkonsidra l-aspett tar-rinunzja ghall-preskrizzjoni opposta mis-socjeta` konvenuta. Ghas-socjeta` attrici din ir-rinunzja hija estratta mill-fatt illi fit-tliet risposti tas-socjeta` konvenuta ghall-ittri legali taghha, l-istess socjeta` konvenuta qatt ma cahdet il-kreditu reklamat. Mhux dan biss, pero`, ghaliex l-istess socjeta` konvenuta ddikjarat ukoll li hi interessata li tirrisolvi l-kwestjoni b' mod bonarju. Dan permezz ta' l-ahhar risposta taghha tad-9 ta' Settembru 2005. Minn dan, l-istess socjeta` attrici appellanti tigbed il-konkluzjoni illi s-socjeta` konvenuta rrinunzjat ghall-preskrizzjoni minnha opposta u mid-data ta' l-ahhar risposta msemmija beda jiddekorri perijodu gdid ta' preskrizzjoni;

Dikjaratament, is-socjeta` appellanti tikkonnetti l-aggravju ewlieni taghha mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 2108 (2) u 2109 tal-Kodici Civili. F' dak ta' l-ewwel ir-rinunzja hi ipotizzabbli fil-kaz li l-preskrizzjoni tkun gja kompjuta, kif

hekk jirrizulta li hu l-kaz anke hawnhekk, dejjem skond is-socjeta` appellanti, in bazi ghall-osservazzjoni taghha illi l-perijodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar skond l-Artikolu 2148 (a), Kodici Civili kien ilu li skada bejn it-temm tax-xoghlijiet f' Lulju 2003 u l-precitata risposta tad-9 ta' Settembru 2005. Bit-tieni artikolu invokat (2109) dik ir-rinunzja tista' tkun espressa jew tacita. Dejjem fil-fehma tas-socjeta` appellanti, ir-rinunzja in kwestjoni taqa' f' din il-kategorija ta' l-ahhar, in kwantu gejja minn fatt "li jissopponi l-abbandun tal-jedd akkwistat" [subinciz (2) ta' l-istess Artikolu 2109];

Fuq il-bazi tal-premessa artikolazzjoni tal-ligi in materja ta' rinunzja, is-socjeta` attrici, gjaladarba tippretendi li tista' tipparalizza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, htiegilha tipprova mhux biss li tali rinunzja saret mis-socjeta` konvenuta, debitrici taghha, izda, fuq kollox, li gie fis-sehh fatt inkompatibbli mal-volonta tas-socjeta` konvenuta li hi riedet tipprevalixxi ruhha mill-preskrizzjoni opposta. Fi kliem iehor is-socjeta` appellanti riedet tikkonvinci illi fil-kondotta jew atteggjament tas-socjeta` konvenuta hemm insit, bla possibilita` ta' interpretazzjoni diversa, il-volonta inekwivokabbli li hi ma riedetx tiggjova ruhha mill-preskrizzjoni kompjuta. Fuq dan, l-istess gurisprudenza taghna hi pjuttost uniformi u konsistenti. "Rinunzja tacita ghandha tigi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi desunta ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja. Hemm bzonn li din tirrizulta minn att jew kumpless ta' atti li jissupponu necessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tieghu" ("**Michele Tabone *et* -vs- Emmanuel Sammut *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Ottubru 1950). "*È necessario quindi come condizione indispensabile della rinuncia che detti atti siano univoci, di guisa che non si possa parlare di rinuncia quando anche vi fosse dubbio ragionevole sull' animo della persona che si pretende abbia rinunciato ad un suo diritto*" ("**Onor. James A. Galizia *nomine* -vs- Giuseppe Cassar Torreggiani *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Jannar 1933, konfermata in Sede Appell fil-11 ta' Dicembru 1933);

Is-senjalazzjonijiet li jissoktaw johorgu mill-gurisprudenza taghna fuq it-tematika jtendu fid-direzzjoni illi ma tistax tikkonfigura r-rinunzja tacita mis-semplici nuqqas ta' rejazzjoni tal-parti ghall-interpellazzjoni tal-kreditur jew, inkella, ghax dan ikun accetta d-diskussjoni tal-mertu tal-pretiza tal-kontroparti, jew ghax ikun talab il-kont. A propozitu, issir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet "**Carmelo Cassar *et* -vs- Avukat Dottor Paolo Azzopardi *nomine et***", Appell Civili, 4 ta' Novembru 1935 u "**Francesco Desira -vs- Isidoro Micallef**", Appell Inferjuri, 10 ta' Jannar 1953. Aktar pertinenti ghas-sottomissjoni maghmula mis-socjeta` appellanti hi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, tat-18 ta' Marzu 1977 in re: "**Carmelo Galea -vs- Dottor Albert Camilleri *nomine***". Fiha nghad illi r-rinunzja tacita ma tistax lontanament titqies li titnissel b' mod car u univoka semplicement ghaliex intbaghtet ittra bonarja u ma kienx hemm risposta ghaliha;

Ugwalment fil-kaz taht konsiderazzjoni ma tistax tigi dezunta r-rinunzja mill-fatt illi fir-risposti taghha s-socjeta` konvenuta ma cahdetx il-kreditu mitlub minghandha jew ghaliex espremiet ix-xewqa li tirrizolvi bonarjament il-pendenza. Dan ma jekwivalix ghal dik ir-rinunzja "vera" li tikkwalifika s-sentenza riportata a **Vol. XLIV P I p 321**. Mir-risposta moghtija, senjatament dik tad-9 ta' Settembru 2005, il-Qorti ma tirravvisa ebda espressjoni ta' volonta` ta' rikonoxximent tad-debitu jew dik abdikativa ta' l-effetti tal-preskrizzjoni eccepita. L-istedina ghat-trattattivi anke bl-iskop ta' soluzzjoni bonarja jew ta' transazzjoni ma tingenera ebda interpretazzjoni ta' xi intenzjoni ta' rinunzja fis-socjeta` konvenuta, kif lanqas ma jimporta rinunzja s-skiet taghha, jew in-nuqqas ta' cahda taghha, riferibilment ghas-sejha tal-hlas tal-kreditu. Tali ma jammontawx ghal dik ta' l-espressjonijiet "*chiare ed univoche*" li tistatwixxi l-gurisprudenza. Mhux il-kaz allura illi din il-Qorti, f' dawn ic-cirkustanzi, takkolji l-istedina tas-socjeta` appellanti u ma tammettix il-preskrizzjoni opposta, akkolta mit-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u, konsegwentement, tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mis-socjeta` appellanti. Dawk ta’ l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------